MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2709/1996/1

**Marie Azzopardi xebba Mifsud.**

**vs**

**Saviour Azzopardi.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti ccelebraw iz-zwieg fl-1 ta' Gunju 1986 (Dok. "MA1")

Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal.

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom, kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali

taghha jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalihom jew ghal min minnhom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-kontendenti jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-istess attrici ghalhekk talbet li l-istess konvenut jghid l-ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex din l-Qorti:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-1 ta’ Gunju 1986 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici w il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-8 ta’ Gunju 1998 a fol 17 tal-process fejn gie eccepit:

1. In linea preliminari l-inkompotenza ta’ din il-Qorti *rationae materiae* a tenur tal-**artikolu 30 (1) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghall-premess, jekk huwa minnu li l-imsemmi zwieg ta’ bejn il-kontendenti kien milqut b’raguni ta’ nullita’, din mhix attribwibbli ghall-eccipjenti, kif ghandu jigi ppruvat ahjar waqt is-smiegh tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 18 sa 20 tal-process.

Rat il-verbali tal-24 ta’ Marzu 1998; 2 ta’ Lulju 1998; 22 ta’ Jannar 1999; 22 ta’ Jannar 1999; 22 ta’ April 1999, 6 ta’

Lulju 1999; 24 ta' Jannar 2000; 6 ta' Marzu 2000; l-1 ta' Gunju 2000; 4 ta' Dicembru 2000; 21 ta' Frar 2001; 20 ta' Settembru 2001; 19 ta' Novembru 2001; 11 ta' Jannar 2002; u 5 ta' April 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-rapport peritali ta' Dr. Veronica Galea Debono fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fejn sostniet li skond l-**artikolu 30 (2) tal-Kap 255** tirrendi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili awtomatikament inkompetenti malli l-Kancillier tat-Tribunal Ekklessjastiku jikkonsenja certifikat li t-Tribunal accetta petizzjoni ghall-annullament lir-Registratur tal-Qrati Superjuri li ghandu jirregistrah gor-registru approprjat, tapplika biss ghal zwigijiet li saru wara ma dahal *in vigore* dan l-artikolu tal-ligi, u cjoe' wara l-1995.

Rat il-verbal tal-1 ta' Gunju 2000 fejn Dr. Joseph Micallef ghall-konvenut rrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Gunju 2002 quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn inghata digriet tal-affidavits tal-partijiet.

Rat in-nota tal-attrici datata 5 ta' Novembru 2002 fejn biha esebit l-affidavit taghha u ta' ommha u missierha Margaret u Pawlu Mifsud li jinsabu esebiti minn fol. 47 sa fol. 58 tal-process.

Rat in-nota tal-attrici datata 5 ta' Novembru 2002 fejn gie esebit il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet pubblikat fis-27 ta' Novembru 2001 u dan bhala Dok. "MA 2" a fol. 61 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 20 ta' Jannar 2003 fejn esebixxa l-affidavit tieghu a fol. 68 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-1 ta' Ottubru 2003, b'dan li tat il-fakolta lill-attrici tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fi zmien 40 gurnata bin-notifika lill-kontroparti jew lid-difensur taghha li jkollu 40 gurnata ghal nota responsiva.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-attrici datata 26 t'Awissu 2003, u dik tal-konvenut tad-9 ta' Settembru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attrici hija qalet li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-istess premessi jinghad, l-attrici sostniet illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** jinghad li l-kuncett tad-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* .

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961 Sabattani held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'amentia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage …….. Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity……"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard "*in l'immaturite et le consentement matrimonial*"*** (pg. 54-55***)*** jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the*

*couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002; **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002; **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghal diversi ohrajn u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid :-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dan kollu jrid jittiehed fil-kuntest ta' dawk li fil-gurisprudenza nostrali gew dejjem ikkunsidrati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) inghad li:-

*"Fil-kawza **"Haidin vs Haidin"** (PA. (Q.K) 7 ta' Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m'ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta' l-kumplament ta' hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita' tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li verament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta' u l-assistenza, l-unita' u l-indossolubilta' taz-zwieg, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-' communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef"*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazjoni totali jrid jigi ppruvat il-*finis operis* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine*".** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim'

Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, **"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li

*"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract".*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jidher li mill-provi prodotti l-attrici pprovat ukoll li dan huwa kaz ta' annullament taz-zwieg li jaqa' taht id-dipozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (d) u (f) tal-Kap 255,** u dan peress li jidher mix-xhieda li ngabet f'din il-kawza li l-konvenut qatt ma kellu ntenzjoni li jghix mal-attrici bhala familja, u dan urih in verita' mill-bidu nett tar-relazzjoni tieghu mal-attrici sahanistra qabel iz-zwieg.

Illi fil-fatt skond l-attrici nnifisha jidher li ghalkemm l-istess kontendenti damu johorgu flimkien cirka tliet (3) snin qabel id-data taz-zwieg effettiv taghhom, l-ewwel sena u nofs kienu biss hbieb, izda fit-tieni perjodu msemmi ghalkemm l-partijiet ddecidew li johorgu bis-serjeta' flimkien, il-konvenut baqa' konsistentement johrog mal-hbieb tieghu wara li jwassal lill-attrici d-dar, u ghalkemm mistoqsi mill-istess attrici dwar l-istess zwieg ir-risposta tieghu kienet li ghalih xorta jekk jizzewwigx lill-attrici jew le.

Illi *nonostante* li l-attrici ttamat li l-konvenut ibiddel l-attiduni tieghu lejha jidher li kollox baqa' l-istess, u l-partijiet in verita' baqghu distakkati minn xulxin, li dan huwa stramb mhux ftit meta suppost kienu qed jippreparaw biex jizzewgu u sabiex iqattghu l-kumplament tal-hajja taghhom flimkien; intant mix-xhieda attrici jirrizulta li ghal dawk li huma preparamenti materjali taz-zwieg dan sar kollu mill-attrici u l-konvenut ma ppartecipa fl-istess xejn jew kwazi xejn, u dan huwa wkoll rifless mill-fatt li anke biex inxtara l-post fejn kienu ser imorru jabitaw l-attrici harget sehem ferm akbar minn dak tal-konvenut, u dan ghalkemm il-konvenut kien disa' (9) snin akbar mill-attrici.

Illi madanakollu jidher li l-attrici xorta baqghet tinsisti li riedet tizzewweg lill-konvenut u r-raguni ta' dan fi kliem l-attrici stess kienet biss abbinata fuq l-fatt li l-attrici hasset li mal-genituri taghha hija kellha certa' sikkatura dwar dhul u hrug u riedet tehles minn dan kollu sabiex skond hija takkwista dak li hija sejhet bhala liberta', u wkoll li minhabba l-gibda li hija kellha lejn il-konvenut, hija ma setghetx tara dak li kien ovvju anke f'dak iz-zmien qabel iz-zwieg, u cjoe' li l-konvenut mhux biss ma kienx itiha l-attenzjoni li normalment ragel li jhobb lill mara jaghti, izda wkoll li l-konvenut dejjem kellhu f'mohhu li jghix ta' guvni, fis-sens li *nonostante* z-zwieg huwa ried ikompli jaghmel dak li kien jaghmel bhala guvni, bi hbieb u hrug wahdu.

Illi dan kollu rrenda din l-unjoni tal-kontendenti falliment sa mill-bidu nett tar-relazzjoni tal-partijiet u dan peress li jidher li l-kunsens tal-partijiet rispettivi kien vizzjat kif ser jinghad. Fl-ewwel lok jidher li l-attrici kellha fil-mument taz-zwieg kellha l-gudizzju taghha neboluz u mcajpar b'mod tali li kellha nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju serju fuq il-kuncett ta' zwieg mal-konvenut, u dan ghaliex hija bl-infattwazzjoni u l-fissazzjoni li kellha li tizzewweg lill-konvenut sabiex hija takkwista l-liberta' taghha mill-genituri taghha, lanqas biss setghet tara dak li ovvjament kien qed jigri quddiemha ta' kuljum bin-nuqqas ta' attenzjoni lejha mill-istess konvenut.

Illi ghaliha li tiehu l-istat ta' mara mizzewga kien kollox ghaliha, anke jekk hija ttamat li l-attitudini tal-konvenut titbiddel fiz-zmien hija lanqas kienet hija stess konvinta minn dan kollu, tant li hija stess ammettiet li minhabba fl-agir tal-konvenut maghha hija kienet rizoluta li ma jkollhiex tfal mill-istess zwieg, u ghalhekk il-kunsens tal-attrici jidher li kien vizzjat anke ghaliex hija eskludiet *a priori* l-prokreazzjoni tal-ulied mill-istess unjoni, b'dan li eleminat wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

Illi minn dan kollu jirrizulta li fl-istat li l-istess attrici kienet meta tat il-kunsens taghha taz-zwieg, hija kienet inkapaci li tifhem il-kuncett u n-nozzjoni nnfisha ta' zwieg, u fil-fatt lanqas kienet konxja ta' dak li rejalment kienet diehla ghalih, tant li ghaliha dak li kien importanti kien biss li hija tiehu l-istat taghha u thossha bhala mara libera minghajr ebda sottomissjoni ghall-genituri taghha, u dan il-pass haditu bla ma qieset il-konsegwenzi tal-att li kienet diehla ghalih mal-konvenut, u in verita' bla ebda riferenza ghalih, tant li njorat dak kollu li effettivament kien mankanti fir-relazzjoni taghha mal-konvenut, imbasta tasal fejn riedet hija ghall-iskopijiet taghha, li kienu ferm il-boghod mill-kuncett ta' hajja komunali bejn zewg persuni ghal dejjem, u f'kollox.

Illi fit-tieni lok jidher li l-istess attrici dahlet ghal dan iz-zwieg bil-mod kif riedet hija fis-sens li ma kenitx lesta lanqas li toqghod ghal dak li l-istess istituzzjoni tirrapprezenta u cjoe' accettazzjoni ta' hajja komuni mas-sieheb taghha f'kollox inkluz l-iskop li jkun hemm prokreazzjoni ta' wlied mill-istess imhabba u *commitment* ghal xulxin mill-konjugi, anzi jirrizulta li *a priori* hija eskludiet li jkun hemm ulied mir-relazzjoni taghha mal-konvenut, u tenut kont tal-fatt li skond l-attrici l-konvenut ma biddilx l-attitudini tieghu lejha lanqas wara z-zwieg hija baqghet bl-istess insistenza li telimina dan l-element essenzjali ghall-validita' taz-zwieg tul il-permanenza taghha fil-konvivenza taghha mal-konvenut, u ghalhekk li abbazi tal-premess ma hemm l-ebda dubju li kif il-provi gew esposti quddiem din il-Qorti, l-kunsens tal-attrici kien vizzjat abbazi kemm tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** u

wkoll skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255.**

Illi min-naha tal-konvenut jidher li jista' jinghad l-istess ghalkemm ghar-ragunijiet differenti u dan peress li jidher li l-konvenut qabel iz-zwieg lanqas ix-xewqa li jizzewweg lill-attrici ma kellu, u dan huwa rifless mill-fatt li ftit jew xejn kien jaghti attenzjoni lill-istess attrici, u dan sal-punt li lanqas kien jaghmel tentattiv sabiex almenu jikkuntenta lill-attrici, u dan juri nuqqas ta' affezzjoni serja lejn l-attrici, u jikkonferma t-tezi tal-attrici, li jidher li l-konvenut dahal ghal din l-unjoni sforz l-insistenza taghha ghaliex ghalih kien qiesu ma huwa qed jaghmel xejn; jidher li s-sitwazzjoni baqghet l-istess ghall-konvenut anke wara z-zwieg fejn l-partijiet baqghu distakkati minn xulxin ghal kollox u dan gie aktar accentwat meta l-konvenut sar jaf li l-attrici ma rieditx tfal minnu, bil-konsegwenza li dak li sa dakinhar kellu in verita' biss sembjanza ta' zwieg, finalment sfaxxa ghal kollox u l-partijiet wara snin bla komunikazzjoni ta' xejn mill-ewwel isseparaw.

Illi dan huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, u hawn issir referenza ghal dak li nghad fid-decizjoni **"Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhamed"** (P.A. (NA) 27 ta' Lulju 1999) li ghaliha qed issir referenza.

Illi dan kien ovvjament mankanti mill-konvenut, *stante* li mill-provi prodotti lanqas tirrizulta r-raguni ghaliex l-konvenut izzewweg lill-konvenuta, hlief li accetta ghar-ragunijiet tieghu l-proposta taghha li jizzewgu meta kien car li lanqas emozzjoni jew affezzjoni ma kellu lejha sa mill-bidu nett tar-relazzjoni taghhom.

Illi ghalhekk din il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-provi kollha prodotti thoss li anke fuq din il-bazi hemm ragunijiet sabiex tintlaqa' t-talba attrici abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut *stante* c-cessjoni taghha, u fil-waqt li tichad l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenut, in kwantu l-istess tista' tikkontrasta mat-talba attrici, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fl-1 ta' Gunju 1986 huwa null u bla effett a tenur tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Att dwar iz-Zwieg** ghar-ragunijiet imputabbli kemm lill-attrici u lill-konvenut.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------